Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2010

Numru 565/2010

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg
Spettur Dennis Theuma)

vs

Joseph Cordina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 289560M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar tlett xhur:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi

(G.N.292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksru tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perkoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101.

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li kienet turi li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar l-Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmijja fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi

perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u dan bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li kienet turi li ma kinitx li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu.

Rat l-kontro-ordni tal-Avukat Generali.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma dawk ta' traffikar u pussess ta' droga kemm erojina u kemm kokaina, akkuzi serji fihom infushom.

Ghall-istess akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata kif rifless fl-istqarrija tieghu rilaxxjata lill-Pulizija fl-liema offra informazzjoni tali illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-Artikolu 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kap 101 u tikkundannah sentejn u nofs prigunerija u €4,000 multa.

Tordna l-konfiska tal-affarijiet esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------